## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# KAWŻA TAS-SESSJONI TAT-TRAFFIKU, NUMRU 7884/2022: **IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. MARIA CALLUS (KI. 370286M)**

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**9 ta' Mejju 2023**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet li nħarġu kontra l-imputata:

**Lill- Maria Callus** **ID. 370286M** — **Bint Joseph u Joanne nee Polidano . Imwielda. Pieta. 13/8/1986. Toqghod ; `Micson` Flt.1, Triq Il-Fejgel, Rabat.**

**BILLI int akkuzat talli** fit-28/06/2022 ghall habta ta`00.10Hrs fi Triq Is-Salib tal-Marsa, Marsa,

(1). Soqt vettura Nru.DBU473 minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan.

(2). Soqt vettura Nru.DBU473 minghajr ma kont koperta b`polza ta`assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

wara li rat li fl-ewwel seduta, ċioe dik tas-17 ta' Jannar 2023, il-Prosekuzzjoni ddikjarat magħluqa l-provi tagħha u dan wara li ppreżentat ir-rapport tal-okkorrenza u l-affidavit maħluf ta' Stephen Cachia (Transport Malta) u wara li mal-avviż tal-komparixxi nnotifikat ukoll lill-imputata l-affidavits ta' PS 276 Gregory Attard u PC 1529 M. Briffa,

wara li rat li fl-istess seduta l-avukat difensur Dr. Charles Mercieca qajjem l-eċċezzjoni tal-inammissibilita' tal-affidavit ta' Stephen Cachia in kwantu dan id-dokument *"jikser id-disposizzjonijiet tal-Art. 646 tal-Kodiċi Kriminali u ma jidhirx li ġie ppreżentat b'ottemporanza tad-disposizzjoni tal-Art. 360A(1) u għaldaqstant ma jistax jikkostitwixxi ebda stat ta' prova ai termini tal-Art. 360A(2), kif ukoll Art. 646"*,

wara li rat li l-Qorti ħalliet il-kawża għad-digriet fuq din l-eċċezzjoni preliminari u dan wara li tat il-fakolta' lill-Prosekuzzjoni u d-Difiża jippreżentaw nota ta' osservazzjonijiet,

wara li rat in-noti tal-osservazzjonijiet rispettivi,

qed tagħti dan id-

## Digriet

1. Qabel xejn il-Qorti trid tiċċara illi l-preġudizzjali mqajjma mill-abbli avukat difensur fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2023 dwar l-inammissibilita' tal-affidavit ta' Stephen Cachia, għalkemm mhix dettaljata fil-verbal tal-istess seduta, tqajmet għaliex skond l-istess avukat l-Art. 360A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jippermettix illi l-Prosekuzzjoni tippreżenta affidavit fl-ewwel seduta (jew fi kwalunkwe stadju ieħor) iżda għandha tagħmel dan biss billi tinnotifika lill-akkużat bl-affidavit **flimkien** maċ-ċitazzjoni jew f'xi stadju ieħor qabel ma l-kawża tibda quddiem il-Qorti.

2. L-Artikolu 360A(1) tal-Kap. 9 jipprovdi kif ġej:

> **'360A. (1) Fi proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali taħt l-artikolu 370(1) il-Pulizija tista', flimkien maċ-ċitazzjoni jew f'kull waqt li jiġi wara, tinnotifika lill-akkużat kopji ta' kull affidavit magħmul minn uffiċjal pubbliku jew minn impjegat jew uffiċjal ta' korp magħqud imwaqqaf b'liġi jew minn rappreżentant ta' xi intrapriża, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi u li għandu jinġieb bħala xhud tal-prosekuzzjoni f'dawk il-proċeduri kif ukoll dokumenti li jkunu se jinġiebu bħala provi fl-istess proċeduri, u jekk l-akkużat ikun irid jagħmel kontro-eżami lil xi persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lilu kif hawn aktar qabel imsemmi, huwa għandu, mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, javża b'dan lill- Kummissarju tal-Pulizija b'ittra reġistrata u malli dan, il-persuna li jrid isirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fil-proċeduri: Iżda għall-finijiet ta' dan is-subartikolu il-kelma "dokument" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 558(2):**
>
> **Iżda wkoll meta jirriżulta li ma kienx possibbli għall-imputat li jagħti avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija fiż-żmien provdut kif imsemmi qabel, dak l-avviż li huwa jkun jixtieq jagħmel il-kontro-eżami jista' jingħata matul l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, f'liema każ il-persuna li għandu jsirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fis-seduta li jkun imiss.'**

3. Dan l-artikolu tal-liġi ddaħħal fis-seħħ fil-liġi tagħna (u sussegwentement emendat) permezz tal-Att III tal-2002 u jservi bħala eċċezzjoni għar-regola misjuba fl-Art. 646(1) illi salv dak li jgħid l-istess artikolu ***'x-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-Qorti viva voce.'***

4. Minn qari tal-Art. 360A(1) joħroġ illi biex il-Prosekuzzjoni tippreżenta *affidavit* minflok ma tressaq xhud *viva-voce* jeħtiġilha tissodisfa r-rekwiżiti segwenti:

    1. **Qorti**: L-affidavit jista' jiġi ppreżentat biss fi proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali taħt l-Art. 370(1).

    2. **Ta' min:** L-affidavit għandu jkun magħmul minn:

        i. uffiċjal pubbliku, jew
        ii. impjegat jew uffiċjal ta' korp magħqud imwaqqaf b'liġi, jew
        iii. rappreżentant ta' intrapriża[1] kif imfissra fl-Art. 2 tal-Att Biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ossia' persuna li tipprovdi jew tkun awtorizzata tipprovdi *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u, jew servizzi jew faċilitajiet assoċjati)

    3. **Kif u meta:** L-affidavit għandu jiġi notifikat lill-akkużat:

        i. maċ-ċitazzjoni, jew.
        ii. f'kull waqt li jiġi wara

5. L-istess Art. 360A(1) imbagħad jagħti l-opportunita' lill-akkużat sabiex sa mhux aktar tard minn 15-il ġurnata qabel l-ewwel seduta **li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit** javża b'dan lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ittra reġistrata. Meta dan ma jkunx possibbli li jsir fit-terminu prefiss, l-Art. 360A(1) jipprovdi ukoll illi l-akkużat jista' jagħti l-avviż imsemmi lill-Prosekuzzjoni **matul** l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit.

6. Huwa għalhekk ċar illi l-Prosekuzzjoni m'hijiex obbligata illi tinnotifika l-affidavit lill-akkużat qabel is-smiegħ tal-kawża u tista' tagħmel dan anke waqt is-smiegħ

---

[1] Il-kelma eżatta użata fl-Art. 2 tal-Kap. 399 hija filfatt "impriża"

suġġett dejjem għad-dritt tal-akkużat li jitlob li jitħarrek dak ix-xhud in kontroeżami fis-seduta sussegwenti.

7. Dan joħroġ ukoll mid-dibattiti parlamentari fil-plenarja u fl-istadju tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi li ppreċedew id-dħul fil-liġi tagħna tal-Att. III tal-2002 fejn l-ikbar punt ta' diverġenza bejn il-membri kien il-mod miftuħ kif oriġinalment kien propost l-artikolu in kwistjoni fis-sens illi l-ħsieb kien li l-Prosekuzzjoni jkollha d-dritt tippreżenta affidavit ta' kwalsiasi persuna f'kawżi sommarji. Eventwalment l-abbozz ġie emendat bi qbil bejn il-membri tal-kamra b'dan li l-affidavit ġie ristrett biss għal uffiċjali pubbliċi u impjegati/uffiċjali ta' korpi magħquda mwaqqaf b'liġi. Ftit snin wara l-istess Art. 360A(1) ġie emendat sabiex jinkludi ukoll rappreżentanti ta' intrapriża kif imfissra taħt l-Art. 2 tal-Att Biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi. Għalhekk qatt ma kien hemm xi intenzjoni illi l-affidavit jiġi notifikat lill-akkużat bilfors qabel is-smigħ tal-kawża.

8. Min-nota t'osservazzjonijiet ippreżentata mill-avukat difensur fid-9 ta' Marzu 2023 joħroġ illi dak li qed jilmenta minnu l-akkużat mhuwiex illi l-affidavit ta' Stephen Cachia ġie ippreżentat tardivament iżda illi l-affidavit **ma ġiex notifikat lilu anqas waqt is-seduta** u għalhekk ma jistax jitqies illi sar b'mod validu skond kif jitlob l-Art. 360A(1).

9. Huwa minnu li skond il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Jannar 2023 għalkemm ġie reġistrat illi: *"l-uffiċjal prosekutur qed jesebixxi bil-ġurament tiegħu ...l-affidavit ta' Stephen Cachia għal Transport Malta"* m'hemmx indikazzjoni illi dan l-affidavit effettivament ġie notifikat lill-imputata, għalkemm naturalment hija kienet preżenti fl-awla għas-smigħ tal-kawża.

10. Kif kien ġie deċiż mill-Qorti Kriminali[2] fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Spiru Spiteri** (Imħallef William Harding, 18/03/1955), korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni tista' tiġi ordnata mill-Qorti anke meta t-trattazzjoni tal-kawża tkun ġiet konkluża u d-difiża tkun għalqet il-kompitu tagħha difensjonali u ma hemm xejn li jimpedixxi lill-Qorti, anke "marte proprio" li għal raġuni ġusta terġa' tordna l-ftuħ mill-ġdid tas-smigħ sia pure biex titbiddel l-imputazzjoni, basta dejjem tingħata l-opportunita' ta' differiment lill-imputat jekk dan ikun iridu. Din il-posizzjoni ġiet addottata diversi drabi mill-Qrati tagħna għalkemm fi żmien riċenti kien hemm qrati oħra li ħasbuha

---

[2] bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati

differenti f'dak li jirrigwarda n-natura taċ-ċitazzjoni u jekk l-iżbalji kollha li jsiru fiha jistgħux jiġu korretti jew le.

11. Fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda żball jew korrezzjoni mitluba fiċ-ċitazzjoni iżda jidher li kien hemm nuqqas tal-Prosekuzzjoni li formalment tinnotifika lill-akkużat bl-affidavit li kienet għadha kemm ippreżentat fis-seduta. Il-Qorti ċċitat l-insenjament fuq imsemmi proprju għaliex dan huwa konferma ċara illi fi proċeduri sommarji l-Qorti għandha poteri pjuttost wiesa' dwar dawk li tista' tippermetti meta jkun sar xi żball jew omissjoni min-naħa tal-Prosekuzzjoni. Jekk il-ġurisprudenza tippermetti l-bdil fiċ-ċitazzjoni **saħansitra wara li tkun saret it-trattazzjoni finali** allura m'għandux ikun hemm dubbju illi fejn il-Prosekuzzjoni tkun naqset f'xi għemil ieħor, f'dan il-każ fl-obbligu tagħha li tinnotifika lill-akkużat bl-affidavit, dan jista' jissewwa anke wara li l-istess Prosekuzzjoni tkun għalqet l-provi. Terġa u tgħid fil-kawża odjerna d-difiża għadha ma bdietx tressaq il-provi tagħha u għalhekk żgur ma jistax jingħad illi l-akkużat sofra jew għad jista' jsofri xi preġudizzju bin-nuqqas tal-Prosekuzzjoni li tinnotifikah formalment bl-affidavit.

**Għaldaqstant fiċ-ċirkustanzi u għar-raġunijiet fuq imsemmija il-Qorti qed tiċħad l-preġudizzjali tal-inammissibilita' tal-affidavit ta' Stephen Cachia. Inoltre l-Qorti qegħda tordna l-ftuħ mill-ġdid tas-smiegħ tal-provi tal-Prosekuzzjoni limitatament sabiex din tinnotifika lill-imputata bl-affidavit imsemmi waqt is-seduta stess. Jibqa' impreġudikat id-dritt tal-imputata li appena tiġi hekk notifikata, titlob lill-Prosekuzzjoni tħarrek lix-xhud imsemmi sabiex isir il-kontroeżami tiegħu fis-seduta sussegwenti.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |